



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

2011/2024(INI)

13.7.2011

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar l-implementazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki
Professjonali 2005/36/KE
(2011/2024(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Mario Pirillo

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbi, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni rapporti tiegħu:

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2011 bit-titulu "Nimmodernizzaw id-Direttiva tal-Kwalifikasi Professjonali" (COM(2011)0367),
 - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 bit-titulu "EWROPA 2020 – Strateġija għal tkabbir intelligenți, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),
 - wara li kkunsidra d-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifikasi Professjonali,
 - wara li kkunsidra r-rapport dwar l-ewwel valutazzjoni tad-Direttiva,
 - wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti tad-19 ta' Jannar 2006 fil-kawża C-330/03, Colegio de Ingenieros de Caminos, Canales y Puertos (Ġabra 2006),
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-2010 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE – "Inżarmaw l-ostakli għad-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE ", tas-27 ta' Ottubru 2010 (COM(2010)0603),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-konsultazzjoni pubblika mnedja mill-Kummissjoni Ewropea f'Marzu 2011 dwar id-Direttiva 2005/36/KE,
- A. billi d-dritt taċ-ċittadini Komunitarji li jistabbilixxu ruħhom, jagħtu servizzi jew jeżeċ-ċitaw il-professjoni fi Stat Membru differenti minn dak li jkun ħareġ il-kwalifikasi professjonali jikkostitwixxi libertà fundamentali tas-suq intern,
- B. billi huwa diffiċli li tīgi identifikata l-awtorità kompetenti għar-rikonoxximent tal-kwalifikasi professjonali u l-proċeduri tagħhom huma kumplessi,
- C. billi fl-Ewropa n-nuqqas ta' ħaddiema fil-qasam tas-saħħa huwa stmat mal-miljun professjonista u jeħtieġ tiżdied il-mobilità, anki ta' min hu sottopost għal rikonoxximent awtomatiku,
1. Huwa favorevoli li d-Direttiva 2005/36/KE tīgi modernizzata u mtejba, u jħeġġeġ ir-rikors għall-użu tat-teknoloġiji l-aktar reċenti u l-introduzzjoni ta' karta professjonali;
 2. Huwa favorevoli għat-tnedija mill-ġdid tal-pjattaformi komuni li jippermettu rikonoxximent aktar rapidu tal-kwalifikasi bejn il-pajjiżi msieħba fil-pjattaforma u japprezzza t-tnaqqis possibbli għal terz tal-Pajjiżi Membri;
 3. Jawspika li t-titoli akkademiċi li jibbenifikaw mir-rikonoxximent awtomatiku jkunu

kkomunikati minnufih lill-Istati Membri;

4. Jawspika li l-mekkaniżmu ta' allert, previst mid-Direttiva dwar is-Servizzi, ikun estiż anki għall-professjonijiet fil-qasam tas-saħħha;
5. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea żżid it-tul ta' żmien minimu tat-taħriġ professjoniali għal infermiera u qwiebel;
6. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tqis b'attenzjoni estrema l-estensjoni tar-rikonoxximent parpjali għall-professjonijiet fil-qasam tas-saħħha, bil-għan li tevita sitwazzjonijiet li diffiċilment jistgħu jkunu ġestiti fil-livell tal-ħarsien tas-saħħha taċ-ċittadini;
7. Iqis li għandu jiġi verifikat l-għarfien tal-lingwa tal-pajjiż ospitanti għall-finijiet speċifiċi tal-eżerċizzju ta' professjoni fil-qasam tas-saħħha.